MALTA

ATT Nru. XXII ta' l-1993

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jagħmel dispożizzjonijiet ġodda dwar id-dazju tas-sisa fuq il-birra u dwar ħwejjeġ oħra inċidentali jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

ACT No. XXII of 1993

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make new provisions for excise duty on beer and for matters incidental or connected therewith.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

JIMMY FARRUGIA
Aġent President

12 ta' Ottubru, 1993

ATT Nru. XXII ta' l-1993

ATT biex jagħmel dispożizzjonijiet ġodda dwar id-dazju tas-sisa fuq il-birra u dwar ħwejjeġ oħra inċidentali jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra u għandu jibda jseħħ fit-30 ta' Lulju, 1993. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor: Tifsir.

"birra" tfisser birra li tidher taħt l-intestatura Nru. 22.03 tat-tariffa tad-Dwana;

"birrerija" tinkludi kull fabbrika, maħżen, kamra, ħanut jew fond ieħor fejn issir il-produzzjoni tal-birra u li tkun reġistrata għaldaqshekk għand il-Kontrullur tad-Dwana;

"Kontrullur" jew Kontrullur tad-Dwana għandha tinftiehem li għandha l-istess tifsir mogħti lilha fl-Ordinanza tad-Dwana;

"manifattur" tfisser kull min, sew jekk persuna ġuridika jew fiżika, jinħareġ f'ismu ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' birrerija bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, u kull min jeżerċità l-industrija ta' fabbrikant tal-birra fl-isem jew akkont jew fl-interess tal-manifattur;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għad-Dwana;

"produzzjoni ta' birra" jew "il-produzzjoni tal-birra" għandhom jinftehmu bħala l-proċess li bih tiġi prodotta l-birra mill-fermentazzjoni tal-most u kull proċess li bih birra ta' densità jew gravità speċifika iżgħar tinħareġ minn birra, tkun xi tkun l-oriġini tagħha, ta' densità jew gravità speċifika aqwa. Għandha tinkludi wkoll it-taħlit ta' birra ma' kull xorb mhux-alkoholiku u li fuq ebda wieħed minnhom ma jkun tħallas dazju tas-sisa b'mod li t-taħlita riżultanti jkun fiha mhux inqas minn 2% ta' alkohol bħala volum;

"tariffa tad-Dwana" tfisser it-tariffa li hemm fl-Ewwel skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni;

"xorb mhux-alkoholiku" tfisser xarba mhux alkoholika li tinsab taħt l-intestatura 22.02 tat-tariffa tad-Dwana.

Impożizzjoni ta' dazju.

3. (1) Il-Kontrullur tad-Dwana għandu jitlob u jdaħħal akkont tal-Gvern, fuq il-birra kollha li tiġi prodotta f'Malta, dazju tas-sisa bir-rata speċifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Salv kif provdut mod ieħor f'dan l-Att, kull birra prodotta f'Malta għandha tkun soġġetta għad-dazju tas-sisa msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu meta din tiġi prodotta. Dan id-dazju tas-sisa għandu jitħallas meta l-birra tinħareġ għall-konsum f'Malta, jew f'kull żmien ieħor meta din il-birra, skond ir-regolamenti, ma jkunx jista' jingħad x'sar minnha.

Reġistrazzjoni ta' birrerija.

4. (1) Salv kif provdut mod ieħor fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, ebda persuna ma tista' tipproduċi birra f'Malta ħlief ġewwa birrerija li tkun reġistrata għaldaqshekk għand il-Kontrullur.

(2) Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' birreriji għandhom isiru lill-Kontrullur b'dak li jista' jiġi preskritt.

(3) F'dawk iċ-ċirkostanzi għandu jinħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni b'dak il-mod u għandu jkun validu għal dak iż-żmien u suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti.

(4) Tenħtieġ reġistrazzjoni separata għal kull birrerija li persuna jkollha bħala tagħha.

(5) Individwu privat li jipproduċi birra fi kwantità raġonevoli għall-konsum tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu li joqgħodu fl-istess dar miegħu, ta' l-impjegati tiegħu jew tal-mistednin tiegħu, ikun jista' jipproduċi birra li ma tiġix prodotta f'birrerija li tkun reġistrata skond ma hawn provdut f'dan l-artikolu:

Iżda dik il-produzzjoni ma għandhiex issir bil-għan ta' negozju jew ta' qliegħ, u iktar, li tista' tiġi preskritta b'regolamenti l-kwantità li għandha titqies bħala raġonevoli għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.

Il-mod kif għar iha tiġi prodotta l-birra.

5. Ħadd ma jista', jekk mhux bil-permess tal-Ministru, jipproduċi birra ħlief bil-proċess li bih il-birra tiġi prodotta mill-fermentazzjoni tal-most jew b'kull proċess li bih birra ta' densità jew gravità speċifika iżgħar tinħareġ minn birra magħdud ukoll it-taħlit ta' birra ma' xorb mhux alkoholiku.

Dmir ta' min ikun responsabbli ta' birreriji reġistrati.

6. (1) Kull min ikun responsabbli ta' birrerija reġistrata għandu:

(a) jżomm f'dik l-għamla u b'dak il-mod li jistgħu jiġu preskritti, akkont tal-birra li tiġi prodotta minnu, ta' kull birra li jkollu maħżuna u ta' kull konsenja u bejgħ relattiv, kif ukoll tal-most kollu u ta' l-ingredjenti l-oħra li jintużaw fil-produzzjoni ta' dik il-birra u li jara li dawk id-dettalji jkunu disponibbli għall-Kontrullur kif u meta dawn jenħtieġu minnu; u

(b) jipproduċi lill-Kontrullur dikjarazzjoni li jkun fiha kull most prodott, kull ħażna ta' birra li tkun tinsab f'birrerija reġistrata f'ismu u l-birra kollha li tkun tqegħdet fis-suq, għal dak il-perijodu u f'dik l-għamla li jistgħu jiġu preskritti.

(2) Il-Kontrullur jista' jissospendi jew jirrevoka r-reġistrazzjoni ta' kull birrerija meta min ikun responsabbli minnha jonqos milli jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att għandhom jgħaddu *mutatis mutandis* għal kull tali sospensjoni.

Tankijiet eċċ. għandhom jiġu approvati.

7. (1) Ebda tank jew reċipjent ieħor li jintużaw f'birrerija reġistrata għall-produzzjoni jew ħażna ta' birra ma għandhom jintużaw għaldaqstant sakemm tali tank jew reċipjent ma jkunx konformi ma' kull regolament li jista' jiġi preskritt jew ikun approvat għaldaqshekk mill-Kontrullur.

(2) Kemm jasa' kull tank jew reċipjent imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jintwera b'mod ċar fuq barra tiegħu.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

8. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għall-mod ġeneriku ta' dak imsemmi qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu għal kull ma ġej:

(a) iż-żmien jew żminijiet li fihom, il-post fejn, u l-mod kif għandu jitħallas id-dazju tas-sisa skond dan l-Att;

(b) l-għoti ta' garanzija minn manifattur, fl-għamla ta' somma flus li tiġi depożitata għand il-Kontrullur jew preskritta b'xi mod ieħor, sabiex jitħares il-ħlas ta' dazju tas-sisa li jkollu jitħallas taħt dan l-Att, u l-mod kif dik il-pleġġ tista' tintuża;

(ċ) id-drittijiet li jistgħu jitħallsu lill-Kontrullur għal kull servizz mogħti minnu taħt dan l-Att; u

(d) kull ħaġa li tista' tiġi preskritta skond dan l-Att.

(2) Ir-regolamenti li jinsabu fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom jitqiesu li saru taħt is-setgħat li hemm fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u jistgħu jiġu revokati u emendati skond l-istess subartikolu.

Reati.

9. Kull min b'kontravvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu:

(a) jipproduċi birra bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att; jew

(b) jipprepara jew jipproduċi birra f'xi fond li ma jkunx birrerija reġistrata; jew

(ċ) jagħmel xi tibdil fil-faċilitajiet produttivi jew postijiet ta' ħażna f'birrerija reġistrata mingħajr ma jkun qabel avża lill-Kontrullur; jew

(d) xjentement jissottometti dikjarazzjonijiet lill-Kontrullur li jkunu foloz jew mhux korretti jew mhux kompleti f'xi dettall materjali jew jagħmel jew jonqos li jagħmel jew jippermetti li jsir jew li ma jsirx xi att jew xi ħaġa sabiex jiġi skartat id-dazju li jmiss jitħallas taħt dan l-Att, jew jekk ikun il-persuna responsabbli li f'isimha tkun reġistrata birrerija jonqos milli jirrapporta, fiż-żmien preskritt b'regolamenti skond dan l-Att, kull kwantità ta' birra li jkun mexxa għall-konsum u ma jipprovax b'sodisfazzjon tal-Qorti li dak l-att jew dik il-ħaġa li għamlet jew li naqset li tagħmel persuna fl-impieg tiegħu, jew taħt l-awtorità jew kontroll tiegħu, ġew magħmulin jew ma ġewx magħmulin mingħajr huwa ma kien jaf u li huwa ma setax bl-użu ta' ħsieb raġonevoli jsir jaf bihom; jew

(e) ikun b'xi mod xjentement kompliċi filli jiġi skartat jew f'tentattivi li jiġi skartat dazju li jmiss jitħallas taħt dan l-Att; jew

(f) ifixkel lill-Kontrullur jew xi uffiċjal tad-Dwana jew persuna oħra inkarigata regolarment li ma tħallix isiru u taqbad reati kontra dan l-Att jew li tagħti eżekuzzjoni għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu; jew

(ġ) igħin, iħaffef jew jassisti l-esekuzzjoni tar-reati hawn fuq imsemmija;

jeħel, għal kull reat, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira, u fil-każ ta' birra prodotta kontra l-liġi, il-konfiska ta' dik il-birra jew fil-każ ta' nuqqas li jirrapporta dwar birra li mexxa għall-konsum, għal multa addizzjonali li tkun daqs it-total kollu ta' l-ammont ta' dazju li jitħallas fuq il-birra u daqs kemm tiswa l-birra għal darbtejn, u l-ħati jiġi pproċessat bil-mezz ta' ċitazzjoni, bl-istess mod u forma u taħt id-disposizzjonijiet l-oħra kollha tal-Kodiċi Kriminali:

Iżda, fil-każ tat-tieni offiża jew offiża sussegwenti għal kundanna, għal wieħed mir-reati msemmijin f'dan l-artikolu, il-ħati jeħel, fid-diskrezzjoni tal-qorti, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur b'żieda mal-piena hawn fuq imsemmija:

Iżda wkoll, fil-każ ta' xi offiża oħra wara kundanna taħt il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu, il-Kontrullur ikun jista' jaqbad u jieħu f'idejh kull reċipjent, għodda, materjal u ingredjenti użati fil-

produzzjoni tal-birra u li jagħmel minnhom bil-mod provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att.

Konfiski.

10. (1) Birra:

(a) li tiġi iddepożitata jew moħbija f'xi lok sabiex il-Gvern jiġi iffrudat mid-dazju li jmiss jitħallas taħt dan l-Att; jew

(b) li tiġi bil-moħbi jew kontra l-liġi mneħħija jew meħuda barra minn birrerija reġistrata jew imneħħija jew meħuda barra minn maħżen tad-Dwana jew lok ieħor ta' sigurtà li fih il-birra tkun inġarret regolarment; jew

(ċ) wara li tiġi ikkunsinnata minn maħżen tad-Dwana jew post ieħor mingħajr ħlas ta' dazju sabiex tiġi meħuda f'maħżen tad-Dwana jew post ieħor, ma tiġix ikkunsinnata regolarment fil-post li dik il-birra kellha tittieħed;

f'kull każ bħal dan, din il-birra tista' tiġi ikkonfiskata u l-ħati, barra minn dan, jaqa' taħt il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar reat bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att, il-ħażna tal-birra li jkollha x'taqsam mal-ksur tal-liġi għandha tiġi konfiskata favur il-Gvern mingħajr il-ħtieġa ta' xi ordni espressa tal-qorti għal dak l-għan.

Azzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' dazju.

11. (1) Jekk dazju li jmiss jitħallas taħt dan l-Att, ma jitħallasx, tkun xi tkun ir-raġuni li tkun fiż-żmien li jmissu jitħallas, il-Kontrullur jista' jagħmel tiegħu kull pleġġ jew parti minnu li jistgħu jiġu preskritti taħt xi regolament, u li tkun daqs id-dazju li baqa' mhux imħallas u jekk dak id-depożitu jew pleġġ ieħor ma jkunux biżżejjed, huwa jista' jaqbad u jieħu f'idejh il-birra kollha u r-reċipjenti kollha, il-għodod, il-materjal u l-ingredjenti użati fil-produzzjoni tal-birra li jkunu jinsabu fir-reċinti tal-birrerija jew f'lokal ieħor użat jew possedut mill-manifattur jew minn persuna oħra li tagħmel floku li għandu bis-saħħa ta' dan is-subartikolu wkoll jikkostitwixxi pleġġ għal dak id-dazju, u jista' jbiegħ b'irkant pubbliku l-birra, reċipjenti, għodod, materjal u l-ingredjenti hawn fuq imsemmija wara li jagħti avviż tal-bejgħ, mill-anqas tmint ijiem qabel. Dan l-avviż għandu jingħata lil dak il-manifattur, jekk ikun jinsab f'Malta, jew lill-aġent tiegħu, jekk ikollu, inkella, fil-każ li ma jkunx hemm la wieħed u l-anqas l-ieħor, l-avviż għandu jinħareġ fil-Gazzetta tal-Gvern:

Iżda, kemm-il darba l-birra jew l-oġġetti l-oħra dazjabbli li jiġu maqbuda kif jingħad hawn fuq ma jkunux jiswew daqs id-dazju li jmiss jitħallas fuqhom, dawn jistgħu, wara li jingħata dak l-avviż ta' tmint ijiem, jiġu distrutti.

(2) In-nefqa u l-ispejjeż tal-qbid u tal-bejgħ, u d-dazju li jmiss jittieħed minn dak il-bejgħ, jinqatgħu l-ewwel ħaġa minn dak li jidħol mill-bejgħ. Dak li jidħol mill-bejgħ għandu jservi għall-ħlas ta' dik in-nefqa u ta' dawk l-ispejjeż u għall-ħlas tad-dazju li jmiss, u ż-żejjed li jibqa', jekk ikun hemm, għandu jitħallas lill-manifattur.

(3) Kull min iħoss ruħu aggravat b'azzjoni tal-Kontrullur magħmula bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikollu jedd jopponi dik l-azzjoni billi jippreżenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi żmien tmint ijiem minn meta jingħata avviż mill-Kontrullur li huwa jkun għamel tiegħu xi pleġġ mogħtija.

(4) Rikors magħmul bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandu jiġi notifikat lill-Kontrullur fi żmien jumejn mill-preżentata tiegħu, u l-kawża għandha tiġi appuntata għas-smiegħ bl-urġenza, minn jum għall-ieħor sakemm tingħata sentenza. Ma jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni li tingħata mill-Qorti Ċivili, ħlief fuq punt ta' dritt. Dak l-appell isir b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi żmien sitt ijiem mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(5) Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf bl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jagħmel regoli li jipprovdu dwar il-mod kif għandu jiġi formulat rikors li jsir taħt dan l-artikolu, u dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-għemil ta' rikors bħal dak. Dawk ir-regoli għandhom jipprovdu li dawk il-proċedimenti għandhom jitmexxew bil-ħeffa u bl-urġenza u għandhom jiġu wkoll formulati r-regoli dwar kif jingħiebu l-provi skond il-liġi.

Kap. 12.

Setgħat tal-Kontrullur Uffiċjal tad-Dwana.

12. (1) Kull uffiċjal tad-Dwana jista' jispezzjona birrerija jew fond fejn tinżamm jew hi suspettata li qed tinżamm il-birra f'kull ħin raġonevoli u dik il-persuna li jkollha l-birrerija reġistrata f'isimha għandha tara li jkun disponibbli għal dawk l-uffiċjali kull ktieb, dokument, magħdud materjal li jinqara b'makna jew dokumentazzjoni oħra dwar il-produzzjoni ta' most u birra, u l-ħażna, bejgħ jew tneħħija tagħhom u għandha wkoll tara li jkollhom l-għajnuna meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom.

(2) Kull min volontarjament jew b'qerq iżomm lura milli jagħti l-għajnuna tiegħu jew volontarjament ifixkel, jimpedixxi jew idewwem uffiċjal fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet jew tas-setgħat tiegħu taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att, jaqa' taħt l-istess piena msemmija fl-artikolu 9 ta' dan l-Att.

Proċediment u appell.

13. (1) Kull proċediment taħt dan l-Att għandu jsir fl-isem u fl-interess tal-Kontrullur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, Malta jew Għawdex skond il-każ bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, u d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, dwar il-proċedura quddiem dik il-qorti u dwar is-sentenza u l-esekuzzjoni tal-piena mogħtija minn dik il-qorti jgħoddu għal dak il-proċediment.

(2) Minn kull proċediment taħt dan l-Att jista' jsir appell bl-istess mod stabbilit minn dak il-Kodiċi għall-appelli mid-deċiżjonijiet tal-qorti hawn fuq imsemmija.

(3) Kull reat ikkontemplat f'dan l-Att jitqies, għall-finijiet u effetti tal-liġi, bħala delitt fis-sens tal-Kodiċi Kriminali, u għandu jiġi ttrattat bħala tali.

Riżerva dwar liġijiet oħra.

14. (1) Il-pussess ta' liċenza mogħtija mill-Pulizija jew minn awtorità oħra lil manifattur jew persuna oħra fl-impieg tiegħu jew li

taġixxi taħt it-triġija tiegħu għal skopijiet oħra minbarra dawk imsemmijin f'dan l-Att, ma jeħles b'ebda mod lill-manifattur jew persuna oħra mir-responsabbiltà għal kull reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew tar-regolamenti magħmulin taħtu.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att huma b'żieda u mhux bi tneħħija tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana u ta' l-Att dwar id-Dazju ta' Importazzjoni. Kap. 37. Kap. 337.

15. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jeħles mill-ħlas ta' dazju ta' l-importazzjoni ix-xgħir *(malt)* jew estratt tiegħu jew kull ingredjent ieħor użat fil-produzzjoni tal-birra, miġjub minn barra f'Malta u mdaħħal f'birrerija fejn tiġi prodotta l-birra. Ħelsien mid-dazju tas-sisa u ta' l-importazzjoni.

(2) (a) Il-Ministru jista' b'ordni jagħti eżenzjoni minn dazju tas-sisa li jinġabar skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att —

(i) meta l-għoti ta' dik l-eżenzjoni jkun meħtieġ, iżda safejn biss ikun hekk meħtieġ, għall-implimentazzjoni ta' xi arranġament bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' xi pajjiż ieħor; jew

(ii) meta xi eżenzjoni tali tkun mogħtija favur persuna jew klassi ta' persuni li, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi jew b'ordni magħmul bis-saħħa tagħhom, tkun eżenti minn dazji tad-Dwana fuq oġġetti maħsuba għall-użu personali ta' dik il-persuna jew persuni. Kap. 191.

(b) Il-Ministru jista' jagħti dik l-eżenzjoni salvi dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li jidhrulu xierqa li jimponi fl-ordni li bih tkun mogħtija l-eżenzjoni.

(3) (a) Ebda dazju ma għandu jitħallas fuq birra maħruġa għall-esportazzjoni bħala merkanzija jew li titgħabba fuq bastiment jew inġenji ta' l-ajru li jkunu sejrin jitilqu minn Malta bħala provvista sakemm din tiġi provduta direttament minn birrerija jew minn maħżen tad-Dwana.

(b) Ebda dazju mħallas skond dan l-Att fuq xi birra maħruġa għall-konsum f'Malta ma jiġi mogħti lura:

Iżda jingħata lura ħlas tad-dazju attwalment imħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att wara li ssir talba bil-miktub minn persuna

(i) relattivament għal dazju fuq birra esportata bħala merkanzija jew mgħobbija fuq bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jkunu sejrin jitilqu minn Malta b'mod differenti minn dak speċifikat fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu;

(ii) relattivament għal dazju fuq birra provvista minn persuna f'ċirkostanzi li fihom dik il-birra hija eżenti minn dazju skond eżenzjoni magħmula bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(ċ) L-għoti ta' ħlas lura għandu jsir f'kull każ li jaqa' taħt is-subparagrafu (i) ta' l-aħħar paragrafu qabel dan lill-esportatur, jew f'kull każ li jaqa' taħt is-sub-paragrafu (ii) ta' l-imsemmi paragrafu lill-fornitur, tal-birra li dwarha għandu jingħata l-ħlas lura.

(d) L-għoti ta' ħlas lura jkun suġġett għall-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti u għall-għemil u firmar mill-esportatur jew mill-fornitur, skond il-każ, ta' dikjarazzjoni miktuba f'dik il-forma jew mod kif jista' jeħtieġ il-Kontrullur tad-Dwana.

(4) (a) Ebda dazju ma għandu jitħallas fuq birra li titqies mill-manifattur bħala birra li mhix tajba għal bejgħ u għalhekk ma titmexxiex għall-konsum, sakemm dik il-birra tinqered taħt is-superviżjoni tad-Dwana bil-permess miktub tal-Kontrullur u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu stabbiliti minnu.

(b) Dik il-birra bottiljata li jkun tħallas fuqha d-dazju tas-sisa u li, wara li titmexxa għall-konsum, titqies mill-manifattur tagħha li mhix tajba għall-bejgħ, tista' titneħħa mis-suq fil-kontenitur ewlieni siġillaf u oriġinali tagħha u titreġġa lura fil-birrerija mnejn tkun ġiet prodotta. Id-dazju tas-sisa mħallas fuqha għandu jingħata bi kreditu favur il-manifattur sakemm il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li l-kontenitur ewlieni u dak li jkun fih ma jkunux tbagħbsu w iktar li dik il-birra wara tinqered taħt superviżjoni tad-Dwana.

Tħassir u dispożizzjonijiet transitorji.

16. (1) L-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra, Kapitolu 72 tal-Liġijiet ta' Malta, (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att imħassar") huwa b'dan imħassar.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma japplikawx għal kull birra jew most li mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att jkunu għadhom qed jinżammu f'birrerija iżda li fuqhom jkun diġà ngħabar dazju tas-sisa bis-saħħa ta' l-att imħassar li kien għadu fis-seħħ sal-jum ta' qabel.

(3) Dik il-birra tibqa' taqa' taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att li bis-saħħa tiegħu jkun inġabar id-dazju tas-sisa għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi sakemm il-ħażniet kollha jkunu ntużaw.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandhom itemmu milli jibqgħu iseħħu wara l-iskadenza ta' sitt xhur kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' l-Att.

(5) Kull birra prodotta minn manifattur li jkollu liċenza li tkun inħarġitlu taħt l-Att imħassar matul perijodu ta' 15-il jum li jibdew għaddejin mill-jum meta dan l-Att jiġi ppubblikat fil-Gazzetta għandha titqies bħala li tkun ġiet prodotta f'birrerija reġistrata kif imiss skond dan l-Att.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 3)

	Lm
Birra, li ma tkunx birra mħallta ma' xorb mhux-alkoholiku	
— Ta' gravità oriġinali ta' taħt 11° Plato	5.40,0 kull ettolitru
— Ta' gravità oriġinali ta' 11° Plato jew iżjed	0.54,0 kull ettolitru kull grad Plato
Birra mħallta ma' xorb mhux-alkoholiku	
— Ta' qawwa alkoholika inqas minn 2.5% vol. ...	5.26,4 kull ettolitru
—Oħra	5.40,0 kull ettolitru.

F'din l-Iskeda:—

(a) Għandhom jitqiesu biss gradi Plato sħaħ; frazzjonijiet ta' grad għandhom jiġu injorati;

(b) Gradi Plato għandhom:

(i) jiġu stabbiliti bil-konverżjoni tal-gravità speċifika tal-most bl-użu tal-*Wort Conversion Tables* jew l-ekwazzjonijiet ippublikati bir-regolamenti li jsiru taħt dan l-Att; u

(ii) jittieħdu li jirreferu għall-gravità speċifika tal-most espress skond il-*Plato Scale;*

(ċ) "il-gravità speċifika tal-most" għandha tittieħed bħala li tfisser ir-relazzjoni bejn il-massa ta' volum stabbilit ta' most f'temperatura ta' 20°C u l-massa ta' l-istess volum ta' ilma distillat f'temperatura ta' 20°C; u

(d) "gravità oriġinali" għandha tittieħed li tirreferi għall-gravità speċifika tal-most li minnu tiġi prodotta birra partikolari wara li jkun ġie miżjud ilma, jekk dan jiġi miżjud, fil-proċess.

Għal finijiet tal-ħlas tas-sisa fuq birra skond dan l-Att, il-volum u gravità oriġinali f'gradi Plato tal-birra rilaxxata minn birrerija għandu jkun l-ogħla minn:

(a) dawk dikjarati fuq it-tikketta tal-kontenitur,

(b) dawk dikjarati fuq il-fattura jew dokument ieħor relattiv għall-bejgħ jew kunsinna tal-birra;

(ċ) il-volum imkejjel jew il-gravità oriġinali misjuba b'mezzi analitiċi mill-Kontrullur.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 8)

REGOLAMENTI TA' l-1993 DWAR IL-BIRRA

TAQSIMA I

Titolu u tifsir.

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Birra.

2. Dawn ir-Regolamenti japplikaw għal birra u birra mħallta ma' xorb mhux-alkoholiku kif imfissra fl-Att.

3. F'dawn ir-Regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:—

"perijodu ta' *accounting*" tfisser il-perijodu ta' kull sitt xhur li fit-tmiem tiegħu isir eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni u *stocktaking* bl-iskop li jingħata kont tal-mostijiet u birer prodotti matul dak il-perijodu;

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra; u

"immexxija għall-konsum" għandha tittieħed li tfisser li tagħmel disponibbli għal persuna naturali jew ġuridika, fuq it-territorju ta' Malta, kull birra suġġetta għad-dazju tas-sisa, meta l-birra titlaq kull arranġament magħmul mal-Kontrullur skond dawn ir-regolamenti li taħtu l-ħlas ta' dazju tas-sisa jiġi sospiż; u kull riferenza għal arranġament fejn id-dazju jinżamm sospiż għandha tittieħed li tirreferi għal arranġament magħmul skond dawn ir-regolamenti li bih il-birra tista' tinżamm jew tinġarr minn post għall-ieħor taħt kondizzjonijiet speċifikati mingħajr il-ħlas ta' dazju.

TAQSIMA II

4. Applikazzjoni biex wieħed jirreġistra birrerija skond l-artikolu 4 ta' l-Att għandha ssir bil-miktub lill-Kontrollur u għandha tinkludi dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:—

(a) isem l-applikant;

(b) l-i*status* (proprjetarju esklussiv, soċjetà, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew *status* ieħor) tan-negozju ta' l-applikant;

(ċ) l-indirizz tal-fond li għandu jiġi reġistrat;

(d) pjanta tal-fond minn perit li tindika l-konfini u l-lok eżatt tiegħu;

(e) id-data li fiha l-applikant ikun bi ħsiebu jibda jipproduċi l-birra;

(f) stima ta' kemm il-birrerija maħsuba tkun tiflaħ tipproduċi għall-massimu fis-sena.

5. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' birrerija ma jiġux aċċettati f'isem persuna li tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat taħt l-Att jew liġi mħassra bl-Att, u kull reġistrazzjoni ta' birrerija ma jibqax ikollha seħħ mal-kundanna tal-persuna li f'isimha l-birrerija tkun reġistrata.

6. (1) Il-Kontrullur jista' joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni għall-fond li għalih tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u għandu joħroġ ċertifikat separat jew reġistrazzjoni separata f'isem l-applikant, għal kull birrerija separata.

(2) Il-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ikun mingħajr preġudizzju għal kull obbligu min-naħa ta' l-applikant li jikseb il-liċenzi u l-permessi kollha li jkunu meħtieġa taħt xi liġi oħra.

(3) Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jibqa' l-proprjetà tal-Kontrullur.

(4) Kull ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jinħareġ għandu dejjem jinżamm fuq il-fond li għalih ikun jirreferi u għandu jintwera meta jintalab biex jiġi spezzjonat mill-uffiċjal inkarigat.

(5) Kull ċirkostanzi mibdula li jolqtu l-partikolaritajiet imsemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-Regolamenti min-naħa tal-birrerija jew il-persuna li f'isimha tkun reġistrata l-birrerija għandhom jiġu notifikati minnufih lill-Kontrullur u dan ta' l-aħħar jista' jemenda ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew jissostitwixxih b'wieħed ġdid. In-nuqqas min-naħa tal-manifattur tal-birra li jinnotifika lill-Kontrullur b'kull bidla jew bidliet li jolqtu l-imsemmija partikolaritajiet jannulla c-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

(6) Il-Kontrullur jista', meta jara li jkun hemm għalfejn, ivarja l-partikolaritajiet meħtieġa fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni basta jingħata avviż ta' 14-il jum bil-miktub lill-manifattur tal-birra li fih jgħarrfu b'dawn il-varjazzjonijiet.

7. (1) Manifattur tal-birra għandu jinnotifika lill-Kontrullur bit-temm tal-produzzjoni jew l-intenzjoni li jtemm il-produzzjoni f'xi birrerija reġistrata f'ismu.

(2) Meta l-Kontrullur ikun sodisfatt li manifattur tal-birra jkun temm il-produzzjoni tal-birra f'xi birrerija, huwa jista' jirrevoka r-reġistrazzjoni tal-birrerija rilevanti f'kull żmien.

TAQSIMA III

Ħlas ta' dazju u pleġġ.

8. (1) Il-persuna, ditta, soċjetà jew kumpannija li f'isimha tkun reġistrata l-birrerija tkun responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa kif speċifikat fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, fiż-żmien li jsir dovut il-ħlas tad-dazju tas-sisa. Dan il-ħlas għandu jsir fid-Dwana jew f'kull post ieħor stabbilit b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, fuq formula ta' dikjarazzjoni li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolament taħt dan l-Att.

(2) Il-Kontrullur tad-Dwana jkun jista', sabiex jipproteġi l-erarju, jitlob pleġġ mingħand il-manifattur tal-birra fl-għamla ta' somma ta' flus depożitata fid-Dipartiment tad-Dwana, jew f'xi għamla oħra, aċċettabbli għall-Kontrullur, għal ammont ta' mhux iżjed mid-dazju stmat minn qabel li jsir dovut matul il-perijodi bejn iż-żminijiet li fihom isiru dovuti l-ħlasijiet.

TAQSIMA IV

Produzzjoni — meta tinbeda u meta titlesta.

9. (1) Il-produzzjoni tal-birra, għall-fini ta' l-artikolu 3 ta' l-Att titqies li tkun bdiet meta ssir it-taħlita jew meta z-zokkor jinħall, skond liema jkun l-ewwel, u għandha titqies li tkun tlestiet ma' liema jkun l-ewwel minn dawn:

(a) il-ħin li l-birra tiġi b'kull mod bottiljata;

(b) il-ħin li l-birra titneħħa mill-birrerija;

(ċ) il-ħin li l-birra tiġi kkunsmata;

(d) il-bidu tas-seba' jum wara l-jum li fih tkun bdiet il-produzzjoni tal-birra.

(2) Għall-fini ta' dan ir-regolament "birra" għandha tinkludi birra mhux perfezzjonata.

TAQSIMA V

Iż-żamma u l-ġarr minn post għall-ieħor tal-birra taħt sospensjoni tad-dazju.

10. (1) Il-birra prodotta f'Malta tista' tinżamm mill-manifattur tal-birra taħt sospensjoni tad-dazju fil-konfini ta' birrerija reġistrata.

(2) Din il-birra tista' tinġarr taħt sospensjoni tad-dazju minn birrerija reġistrata għal birrerija reġistrata oħra jew maħżen tad-Dwana approvat jew minn maħżen tad-Dwana approvat għal birrerija reġistrata jew maħżen tad-Dwana approvat ieħor u minn dik il-birrerija jew maħżen għal post ta' tagħbija għall-esportazzjoni bħala merkanzija jew bħala proviżjonijiet tal-bastiment kif provdut fl-artikolu 15 ta' l-Att.

(3) Il-ġarr tali kollu minn post għall-ieħor mingħajr il-ħlas tad-dazju huwa, kemm-il darba l-Kontrullur ma jippermettix mod ieħor, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:—

(a) il-birra għandha tiġi trasportata f'kontenituri jew kollijiet protetti b'għamla ta' siġill approvat mill-Kontrullur jew taħt skorta

tad-Dwana, skond id-direttiva tal-Kontrullur fil-każ il-wieħed u l-ieħor;

(b) il-birra għandu jkollha magħha dokument, iffirmat minn min jikkonsenja u approvat mill-Kontrullur, li għandu jispeċifika l-post minn fejn mibgħuta u l-post għalih konsenjata u l-kwantità u d-deskrizzjoni tal-birra.

(ċ) dak id-dokument għandu jkun iffirmat mill-kunsinnatarju li jiċċertifika li rċieva l-birra jew fil-każ ta' imbark, mill-uffiċjal inkarigat li jiċċertifika li rċieva l-birra abbord.

TAQSIMA VI

Kwantità li fuqha jitħallas id-dazju, l-istima u l-ħlas tad-dwana.

11. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, il-kwantità ta' birra prodotta li fuqha jitħallas id-dazju tkun dik li l-mostijiet magħmula kienu maħsuba li jipproduċu bħala birra perfezzjonata wara li jsir tnaqqis għall-ħela. Dan it-tnaqqis għandu jkun 8% tal-volum likwidu tal-most wara li dan ikun inġieb għal-livell tal-gravità oriġinali tal-birra intenzjonata.

(2) Id-dazju fuq il-kwantità ta' birra mmexxija għall-konsum f'perijodu speċifiku għandu jitqies, skond l-artikolu 3 ta' l-Att, fuq il-volum f'ettolitri ta' birra kif stabbilit fiż-żmien tal-ħruġ għall-konsum, anke jekk dik il-kwantità teċċedi l-kwantità ta' birra kalkulata skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament li tkun ġiet prodotta f'konnessjoni ma' l-istess perijodu.

(3) Il-ħlasijiet fix-xahar ta' dazju tas-sisa fuq il-birra għandhom isiru fuq il-formula tad-dazju li qiegħda għal hekk u għandhom jintbagħtu lill-Kontrullur fi żmien ħamest ijiem wara l-aħħar Ħadd ta' kull xahar kalendarju liema ħlasijiet ikunu jkopru d-dazju kollu dovut sa dak il-Ħadd, fuq il-kwantità ta' birra mmexxija għall-konsum matul dak il-perijodu.

(4) Għal skopijiet ta' dazju l-gravità oriġinali tal-birra għandha tiġi espressa fi gradi Plato li jiġu stabbiliti bl-użu tat-tabelli tal-konverżjoni tal-most fl-Iskeda III ta' dawn ir-Regolamenti.

(5) Ebda birra ma għandha titmexxa għall-konsum kemm-il darba l-gravità oriġinali u l-volum tal-birra ma jkunux murija fuq il-pakk immedjat.

TAQSIMA VII

Żamma ta' *records* u kontijiet.

12. Il-manifattur tal-birra għandu jżomm *records* u kontijiet li jkun fihom id-dettalji speċifikati fl-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti u huwa obbligat li jżomm dawk ir-*records* għal 6 snin jew dak il-perijodu iqsar kif il-Kontrullur jista' jippermetti.

13. Il-manifattur tal-birra għandu jipproduċi lill-Kontrullur —

(a) fl-ewwel jum tax-xogħol wara kull Ħadd, rendikont ta' kull ġimgħa li jagħti d-dettalji ta' kull bejgħ jew konsenja u ħruġ ieħor ta' birra maħruġa mill-birrerija matul il-ġimgħa preċedenti u l-bilanċ ta' ħażniet ta' birra miżmuma fil-birrerija f'dik il-forma kif jista' jistabbilixxi l-Kontrullur, u

(b) rendikont ta' kull sitt xhur għal kull perijodu ta' *accounting* kif speċifikat fis-subparagrafi li ġejjin minnufih:

(i) Il-perijodi ta' *accounting* għandhom ikunu ta' sitt xhur u kull wieħed għandu jibda fl-1 ta' April u fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bejn il-manifattur tal-birra u l-Kontrullur.

(ii) Mhux aktar tard minn tletin jum wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' *accounting*, il-manifattur tal-birra għandu jħejji u jipproduċi lill-Kontrullur rendikont li miegħu għandu jkun hemm rapport magħmul minn Uditur Pubbliku ċertifikat indipendenti relattivament għall-produzzjoni tal-mostijiet kollha u l-produzzjoni, il-ħażniet miżmuma fil-birrerija u l-bejgħ ta' birra għall-perijodu ta' *accounting* li jkun qed jiġi trattat fir-rapport, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

14. (1) Birra, relattivament għal perijodu speċifikat ta' *accounting*, titqies li ma jkunx ingħata rendikont tagħha u għalhekk għandu jitħallas id-dazju fuqha meta jirriżulta ż-żejjed wara li tiġi mnaqqsa s-somma ta':

(a) il-kwantità ta' birra rrapportata bħala mmexxija għall-konsum;

(b) il-kwantità ta' birra maħruġa biex tiġi imbarkata kif imfisser fl-artikolu 15 ta' l-Att;

(ċ) il-kwantità ta' birra distrutta skond l-artikolu 15 ta' l-Att;

(d) il-kwantità netta ta' birra maħżuna fil-birrerija għal dak il-perijodu; u

(e) kwantità oħra, jekk ikun hemm, ta' birra reġistrata bħala li ġiet imħallta ma' xorb mhux-alkoholiku

mill-kwantità ta' birra li l-most kien meqjus li jipproduċi kif imfisser fil-paragrafu (1) tar-regolament 11 ta' dawn ir-Regolament relattivament għall-istess perijodu.

(2) Fil-każ ta' diskrepanza li tista' tirriżulta wara t-tqabbil tal-kwantitajiet ta' birra prodotta mal-birra maħruġa mill-birrerija li biha jinstab li jkun hemm kwantità ta' birra li ma jkunx ingħata rendikont tagħha skond l-aħħar paragrafu qabel dan, il-Kontrullur jista', mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed kontra l-manifattur tal-birra jew xi persuna oħra in vista tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att jew kull liġi oħra, jippermetti lill-manifattur tal-birra jħallas dik is-somma ta' flus li tkun ekwivalenti għad-dazju dovut fuq dik id-diskrepanza.

Arranġament transitorju.

15. (1) Mill-jum tal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ebda birra ma għandha titħalla toħroġ mill-birrerija qabel ma l-kwantitajiet ta' mostijiet u birer eżistenti fil-birrerija u li fuqhom ikun diġà nġabar id-dazju tas-sisa jiġu stabbiliti f'termini ta' ettolitri, gravità oriġinali, tip u marka għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur. Il-kwantitajiet hekk stabbiliti għandhom jiġu reġistrati mill-Kontrullur u għandhom jitħallew jitmexxew għall-konsum mingħajr ma jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

L-ewwel ħruġ ta' marka partikolari ta' birra maħruġa mill-birrerija wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jitqies li jkun inħareġ mill-ħażna b'dazju mħallas, jekk ikun hemm, ta' l-istess marka ta' birra sakemm tiġi eżawrita l-ħażna b'dazju mħallas.

(2) Kull talba għal ħlas lura u kull għoti lura eventwali ta' dazju fuq dik il-birra għandhom isiru skond l-Att fis-seħħ li bis-saħħa tiegħu ikun inġabar dak id-dazju.

SKEDA I

(Regolament 12)

Għandhom jinżammu *records* ta':

1. Materja prima wżata fil-produzzjoni tal-birra li tikkontribwixxi għall-gravità oriġinali tal-birra.

2. Numru ta' identifikazzjoni konsekuttiv u d-data għal kull fermentazzjoni.

3. Il-volum likwidu ta' kull most f'ettolitri b'densità speċifikata.

4. Il-volum likwidu tal-birra prodotta minn kull most bl-ispeċifikazzjoni tat-temperatura u tal- gravità oriġinali tagħha.

5. Kull introduzzjoni ta' birra fit-tankijiet ta' ħażna bl-ispeċifikazzjoni tal-fermentazzjoni li ġiet derivata minnha.

6. Il-bilanċ totali f'ettolitri ta' birra f'kull tank ta' ħażna bl-ispeċifikar tal-gravità oriġinali tagħha u ta' f'liema temperatura jkun ikkalkulat il-volum.

7. Il-kwantità f'ettolitri ta' birra bottiljata fi fliexken, laned, barlotti u kontenituri oħra għal kull biċċa xogħol ta' ippakkjar.

8. Ħażniet ta' birra bottiljata miżmuma fil-birrerija bl-ispeċifikazzjoni tat-tipi u l-marki tal-birra.

9. Il-bejgħ kollu tal-birra bl-ispeċifikazzjoni tal-kwantitajiet u t-tipi u l-marki tal-birra u l-fatturi relattivi.

10. Tneħħija oħra ta' birra mill-birrerija bl-ispeċifikazzjoni tal-kwantitajiet, tipi u marki u fejn ittieħdet.

11. Storja dettaljata tal-birra mhux tajba għall-bejgħ bl-indikazzjoni ta' l-oriġini, tip u marka, gravità oriġinali, kwantità u jekk ġietx distrutta jew le taħt is-sorveljanza tad-dwana.

SKEDA II

(Regolament 13)

Dettalji li huma meħtieġa li jiġu mdaħħla fir-rendikont ta' kull sitt xhur.

1. In-numru ta' identifikazzjoni u d-data ta' kull most magħmul.

2. Il-gravità speċifika ta' kull most.

3. Il-volum f'ettolitri ta' kull most magħmul fl-aħħar gravità speċifika qabel ma l-most jitqiegħed biex jiffermenta bl-ispeċifikazzjoni tal-gravità speċifika.

4. It-tip u għamla ta' birra li kull most kienet maħsuba li tipproduċi.

5. Il-volum attwali f'ettolitri li jispeċifika l-gravità speċifika għal kull tip u għamla ta' birra prodotta.

6. Il-kwantità f'ettolitri ta' kull tip u għamla ta' birra mmexxija għall-konsum f'Malta.

7. Il-kwantità f'ettolitri ta' kull tip u għamla ta' birra mneħħija mill-birrerija għal skop li mhux it-tmexxija għall-konsum f'Malta, billi jiġi indikat għaliex tkun saret dik it-tneħħija.

8. Il-kwantità f'ettolitri ta' birra bottiljata maħżuna fil-birrerija.

9. Il-kwantità f'ettolitri ta' birra mhux bottiljata maħżuna fil-birrerija.

10. Il-kwantità ta' birra li mhix tajba għall-bejgħ miżmuma jew imreġġgħa lura fil-birrerija matul iż-żmien li jkun qed isir rapport dwaru.

11. L-ammont totali ta' dazju dovut fuq il-birra matul il-perijodu ta' *accounting* ta' sitt xhur li jkun qed isir rapport dwaru.

12. Kull dettall ieħor meħtieġ mill-Kontrullur.

SKEDA III

(Paragrafu (4) tar-Regolament 11)

TABELLA TA' KONVENZJONI TA' MOSTIJIET

GRAVITÀ SPEĊIFIKA, 20°/20° C, FL-ARJA, GĦAL % piż/piż SUCROSE, IN VACUO (°BALLING, °BRIX OR °PLATO)

Sp. Gr.	*Sucrose* % w/w	Sp. Gr.	*Sucrose* % w/w
1.000	0.000	1.042	10.475
1.001	0.257	1.043	10.716
1.002	0.514	1.044	10.956
1.003	0.770	1.045	11.195
1.004	1.026	1.046	11.435
1.005	1.283	1.047	11.673
1.006	1.539	1.048	11.912
1.007	1.795	1.049	12.150
1.008	2.053	1.050	12.387
1.009	2.305	1.051	12.624
1.010	2.560	1.052	12.861
1.011	2.814	1.053	13.098
1.012	3.067	1.054	13.333
1.013	3.321	1.055	13.569
1.014	3.573	1.056	13.804
1.015	3.826	1.057	14.039
1.016	4.077	1.058	14.273
1.017	4.329	1.059	14.507
1.018	4.580	1.060	14.741
1.019	4.830	1.061	14.974
1.020	5.080	1.062	15.207
1.021	5.330	1.063	15.439
1.022	5.580	1.064	15.671
1.023	5.828	1.065	15.903
1.024	6.077	1.066	16.134
1.025	6.325	1.067	16.365
1.026	6.572	1.068	16.595
1.027	6.819	1.069	16.825
1.028	7.066	1.070	17.055
1.029	7.312	1.071	17.284
1.030	7.558	1.072	17.513
1.031	7.803	1.073	17.741
1.032	8.048	1.074	17.970
1.033	8.293	1.075	18.197
1.034	8.537	1.076	18.425
1.035	8.781	1.077	18.652
1.036	9.024	1.078	18.878
1.037	9.267	1.079	19.105
1.038	9.509	1.080	19.331
1.039	9.751	1.081	19.556
1.040	9.993	1.082	19.782
1.041	10.234	1.083	20.007

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 178 ta' l-4 ta' Ottubru, 1993.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.